

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1372

tas-17 ta' Awwissu 2021

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-projbizzjoni fuq it-tagħlif ta' annimali mrobbija li mhumix ruminanti, għajr l-annimali bil-pil, bi proteina dderivata mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE). Huwa japplika għall-produzzjoni u għall-introduzzjoni fis-suq ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u, f'ċerti każijiet speċifiċi, għall-esportazzjoni tagħhom.
- (2) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprojbixxi t-tagħlif ta' proteini dderivati mill-annimali lir-ruminanti. L-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament jestendi dik il-projbizzjoni biex tkopri annimali oħrajn barra r-ruminanti, kif stipulat fil-Kapitolu I tal-Anness IV, filwaqt li l-Kapitolu II sa V jistabbilixxu ċerti derogi għall-projbizzjonijiet previsti fil-Kapitolu I f'ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, u jiddettaljaw dwarhom.
- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' karta ta' strateġija dwar l-Enċefalopatiji Sponġiformi Trażmissibbli għall-2010-2015 ("it-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE") ⁽²⁾ tiddefinixxi l-emendi possibbli għal-leġislazzjoni tal-Unjoni biex il-miżuri ta' prevenzjoni, ta' kontroll u ta' eradikazzjoni tat-TSE jiġu aġġornati skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina (BSE). Tenfasizza wkoll li kull rieżami tar-regoli dwar it-TSE jenħtieġ li jkunu ggwidati primarjament mill-parir xjentifiku. It-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE jindirizza r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet attwali dwar il-projbizzjoni fuq it-tagħlif ta' annimali li mhumix ruminanti stipulati fil-leġislazzjoni tal-Unjoni.
- (4) Abbażi ta' dak li hemm miktub f'żewġ opinjonijiet xjentifiċi li ħareġ il-Bord dwar perikoli bijoloġiċi (BIOHAZ) tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") fl-24 ta' Jannar 2007 u fis-17 ta' Novembru 2007 rispettivament, it-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE jikkonferma li ma ġewx identifikati TSE li jokkorru f'annimali mrobbija li mhumix ruminanti f'kundizzjonijiet naturali.

⁽¹⁾ ĠUL 147, 31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ COM(2010) 0384 final, 16.7.2010.

- (5) Fis-7 ta' Ġunju 2018, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika "Updated quantitative risk assessment (QRA) of the BSE risk posed by processed animal protein (PAP)" ⁽³⁾. Il-valutazzjoni tar-riskju kwantitattiva stmat li l-infettività tal-BSE kienet erba' darbiet inqas minn dik stmata fl-2011, u li kien mistenni li jkun hemm inqas minn każ ġdid wieħed ta' BSE kull sena.
- (6) Fit-22 ta' Settembru 2020, l-Awtorità adottat l-opinjoni xjentifika dwar ir-riskju potenzjali tal-użu tal-kollaġni u tal-ġelatina tar-ruminanti fl-għalf tal-annimali mrobbija mhux ruminanti "Potential BSE risk posed by the use of ruminant collagen and gelatine in feed for non-ruminant farmed animals" ⁽⁴⁾. L-Awtorità kkonkludiet li l-probabbiltà li ma jiżviluppa ebda każ ġdid ta' BSE fil-popolazzjoni tal-ifrat permezz ta' xi wieħed mit-tliet perkorsi tar-riskju identifikati f'dik l-opinjoni hija ikbar minn 99 % (jiġifieri kważi ċertezza).
- (7) Sadanittant, huwa stmat li fl-Unjoni jintremew 100 000 tunnellata ta' għalf magħmula qabel, li fihom il-kollaġni u/jew il-ġelatina tar-ruminanti, billi dan ma jistax jintuża fl-għalf tal-annimali mrobbija skont ir-regoli attwali tal-projbizzjoni tal-għalf.
- (8) Għalhekk, jenħtieġ li titħassar il-projbizzjoni fuq it-tagħlif ta' annimali mrobbija mhux ruminanti bil-kollaġni u l-ġelatina li joriġinaw mir-ruminanti.
- (9) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ jipprojbixxi t-tagħlif ta' annimali terrestri ta' speċijiet partikolari, għajr l-annimali bil-pil, bil-proteina pproċessata mill-iġsma jew minn partijiet tal-iġsma ta' annimali tal-istess speċi (ir-riċiklaġġ intraspeċi).
- (10) It-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE jirrikonoxxi wkoll li r-riskju ta' trażmissjoni tal-BSE minn annimali mhux ruminanti għal annimali mhux ruminanti huwa negliġibbli dment li jkun evitat ir-riċiklaġġ intraspeċi. Għaldaqstant jikkonkludi li jista' jiġi kkunsidrat li titħassar il-projbizzjoni fuq l-użu tal-proteina pproċessata tal-annimali minn annimali mhux ruminanti, fl-għalf għall-annimali mhux ruminanti filwaqt li tibqa' rispettata l-projbizzjoni attwali fuq ir-riċiklaġġ intraspeċi.
- (11) Fid-29 ta' Novembru 2010, il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet dwar it-Tieni Pjan Direzzjonali dwar it-TSE ⁽⁶⁾. Dawk il-konklużjonijiet juru l-fehma li kieku kellu jkun hemm reintroduzzjoni tal-użu tal-proteina pproċessata tal-annimali mhux tar-ruminanti fl-għalf ta' speċijiet oħrajn ta' annimali mhux ruminanti, jenħtieġ li jkun prerekwiżit li jkun hemm disponibbli tekniki effettivi u vvalidati li jiddistingwu bejn il-proteina pproċessata tal-annimali li joriġinaw minn speċi differenti, u li tkun saret analiżi bir-reqqa tar-riskji ta' din ir-reintroduzzjoni għas-saħħa tal-annimali u għas-saħħa pubblika.
- (12) Fl-2012, il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Proteini tal-Annimali fil-prodotti tal-għalf (EURL-AP) ivvalida metodu ġdid dijanjostiku bbażat fuq id-DNA (PCR) li huwa kapaċi jidentifika l-materjal ta' oriġini mir-ruminanti li jista' jkun preżenti fl-għalf. Il-validazzjoni ta' dan il-metodu fl-2013 ippermetta l-awtorizzazzjoni mill-ġdid tal-użu tal-proteina pproċessata tal-annimali mhux tar-ruminanti fl-għalf tal-annimali tal-akkwakultura, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 56/2013 ⁽⁷⁾.
- (13) Sussegwentement, fl-2015 u fl-2018 rispettivament, il-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għall-Proteini tal-Annimali vvalida wkoll metodi PCR li huma kapaċi jidentifikaw il-preżenza fl-għalf ta' materjal mill-porċini jew mit-tjur tat-trobbija. B'hekk dawn jippermettu l-kontroll tal-implimentazzjoni korretta tal-projbizzjoni fuq ir-riċiklaġġ intraspeċi fl-annimali porċini u fit-tjur tat-trobbija.
- (14) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea ⁽⁸⁾, li ġie ppubblikat fit-22 ta' Novembru 2018, jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq pajjiżi terzi għall-forniment tal-proteina. Mill-perspettiva nutrittiva, il-proteina pproċessata tal-annimali hija

⁽³⁾ <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2018.5314>

⁽⁴⁾ <https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2020.6267>

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

⁽⁶⁾ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/10/st13/st13889-ad01re01.en10.pdf>

⁽⁷⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 56/2013 tas-16 ta' Jannar 2013 li jemenda l-Annessi I u IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 21, 24.1.2013, p. 3).

⁽⁸⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018DC0757&from=EN>

eċċellenti bħala materjal tat-tagħlif għall-annimali, billi fiha konċentrazzjoni għolja ta' nutrijenti diġestibbli ħafna bħall-aċidi amminiki u l-fosfru, u kontenut kbir ta' vitamini. L-awtorizzazzjoni mill-ġdid tal-proteina pproċessata tal-annimali mhux ruminanti fl-għalf ta' annimali li mhumex ruminanti tnaqqas din id-dipendenza fuq il-forniment ta' proteina minn pajjiżi terzi.

- (15) Jenħtieġ li jerġa' jiġi awtorizzat l-użu tal-proteina pproċessata ta' oriġini porċina fl-għalf tat-tjur tat-trobbija u tal-proteina pproċessata li toriġina mit-tjur tat-trobbija fl-għalf għall-annimali porċini. Jenħtieġ li jkunu japplikaw rekwiżiti stretti waqt il-ġbir, it-trasport u l-ipproċessar ta' daww il-prodotti, u li jsiru l-kampjunar u l-analiżi b'mod regolari biex jiġi evitat kull riskju u jgħinu biex jiġi vverifikat li ma jkunx hemm kontaminazzjoni kroċjata bil-proteina tar-ruminanti u biex ma jsirx riċiklaġġ intraspeċi, it-tnejn li huma pprojbiti.
- (16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/893 ⁽⁹⁾ awtorizza l-użu tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata mill-insetti u l-għalf kompost li fih din il-proteina pproċessata tal-annimali għat-tagħlif ta' annimali tal-akkwakultura. It-tjur tat-trobbija huma annimali insettivori, l-annimali porċini huma omnivori, u ma hemmx tħassib dwar dawn il-materjali tal-għalf. Għalhekk, jenħtieġ li l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata mill-insetti tiġi awtorizzata għat-tagħlif tat-tjur tat-trobbija u tal-annimali porċini, bl-istess kundizzjonijiet li huma meħtieġa għat-tagħlif tal-annimali tal-akkwakultura.
- (17) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiġi emendat skont dan.
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/893 tal-24 ta' Mejju 2017 li jemenda l-Annessi I u IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi X, XIV u XV tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-proteina pproċessata tal-annimali (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 92).

ANNEX

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Kapitolu I, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) ta’ annimali mhux ruminanti mrobbijin, minbarra l-annimali tal-pil, bi:”

- (i) proteina tal-annimali pproċessata;
- (ii) prodotti tad-demem;
- (iii) proteini idrolizzati li joriġinaw mill-annimali;
- (iv) fosfat tad-dikalċju u fosfat tat-trikalċju li ġej mill-annimali;
- (v) għalf li fih il-prodotti elenkati fil-punti (i) sa (iv).”;

(2) fil-Kapitolu II, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(f) ta’ tjur tat-trobbija bil-materjali tal-għalf u bl-għalf kompost li ġejjin:

- (i) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, u l-għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati f’konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu III u mal-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima G tal-Kapitolu IV;
- (ii) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, u l-għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati f’konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu III u mal-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima F tal-Kapitolu IV;

(g) ta’ annimali porċini bil-materjali tal-għalf u bil-għalf kompost li ġejjin:

- (i) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, u l-għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati f’konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu III u mal-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima H tal-Kapitolu IV;
- (ii) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, u l-għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, li jiġu prodotti, imqiegħda fis-suq u użati f’konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fil-Kapitolu III u mal-kundizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-Taqsima F tal-Kapitolu IV.”;

(3) Il-Kapitolu III huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima A hija emendata b'dan li ġej:

(i) il-punt 1(a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali mhux ruminanti, inkluż il-ħut mitħun, il-proteina pproċessata tal-annimali derivata minn insetti mrobbija, il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini u l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija.”;

(ii) il-punti 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“4. Il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa derivata minn annimali porċini, u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, għandhom jiġu ttrasportati f’vetturi u f’kontejners u jinħażnu f’faċilitajiet ta’ ħażna li ma jintużawx, rispettivament, għat-trasport u għall-ħżin ta’ għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura u t-tjur tat-trobbija.

5. B’deroga mill-punt 4, il-vetturi, il-kontejners u l-faċilitajiet ta’ ħażna li jkunu ntużaw qabel għat-trasport jew għall-ħżin ta’ proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali porċini u ta’ għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali jistgħu jintużaw sussegwentement għat-trasport jew għall-ħżin ta’ għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura u t-tjur tat-trobbija, dment li dawn jitnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata, f’konformità ma’ proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, għandu jinżamm regjistru dokumentat ta’ dan l-użu li jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti għal mill-inqas sentejn.”;

(iii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “6. Il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn tjur tat-trobbija, u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners u jinħażnu f'faċilitajiet ta' ħażna li ma jintużawx, rispettivament, għat-trasport u għall-ħżin ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura u l-annimali porċini.
7. B'deroga mill-punt 6, il-vetturi, il-kontejners u l-faċilitajiet ta' ħażna li jkunu ntużaw qabel għat-trasport jew għall-ħżin ta' proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn tjur tat-trobbija u ta' għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali jistgħu sussegwentament jintużaw għat-trasport jew għall-ħżin ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura u l-annimali porċini, dment li dawn jitnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata, f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, għandu jinżamm regjistru dokumentat ta' dan l-użu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

8. Il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn insetti mrobbija, u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners u jinħażnu f'faċilitajiet ta' ħażna li ma jintużawx, rispettivament, għat-trasport u għall-ħżin ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura, it-tjur tat-trobbija u l-annimali porċini.
9. B'deroga mill-punt 8, il-vetturi, il-kontejners u l-faċilitajiet ta' ħażna li jkunu ntużaw qabel għat-trasport jew għall-ħżin ta' proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn insetti mrobbija u ta' għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali jistgħu sussegwentament jintużaw għat-trasport jew għall-ħżin ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, għajr l-annimali tal-akkwakultura, it-tjur tat-trobbija u l-annimali porċini, dment li dawn jitnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata, f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, għandu jinżamm regjistru dokumentat ta' dan l-użu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

10. Il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali mhux ruminanti, għajr il-ħut mitħun u l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, mill-annimali porċini u mill-insetti mrobbija, u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners u jinħażnu f'faċilitajiet ta' ħażna li la jintużaw, għat-trasport u lanqas għall-ħżin rispettivament ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura.
11. B'deroga mill-punt 10, il-vetturi, il-kontejners u l-faċilitajiet ta' ħażna li jkunu ntużaw qabel għat-trasport jew għall-ħżin tal-prodotti msemmija f'dak il-punt jistgħu sussegwentament jintużaw għat-trasport jew għall-ħżin ta' għalf maħsub għall-annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura, dment li dawn jitnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata, f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, għandu jinżamm regjistru dokumentat ta' dan l-użu li jkun disponibbli għall-awtorità kompetenti għal mill-inqas sentejn.”;

(b) it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- “(d) proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija;
- (e) proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini;
- (f) proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija.”;

(ii) fil-punt 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) iridu jkunu jrabbu biss annimali mhux ruminanti u:

- (i) meta jrabbu t-tjur tat-trobbija, dawn ma għandhomx jipproduċu għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija;

- (ii) meta jrabbu l-annimali porċini, dawn ma għandhomx jipproduċu għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini;”;

(c) fit-Taqsima C, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

- “(a) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti, inkluż il-ħut mitħun, il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini u l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija;”;

(d) fit-Taqsima D, il-punt 1(a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

- “(a) il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti, inkluż il-ħut mitħun, il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini u l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija;”;

(4) Il-Kapitolu IV huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima D, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:

- “(a) Il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali msemmija f’din it-Taqsima għandhom jiġu minn wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (i) biċċerji approvati f’konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jbiċċrux annimali ruminanti u li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jbiċċrux annimali ruminanti;
- (ii) impjanti tat-tqattigħ approvati f’konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta’ laħam ta’ annimali ruminanti, u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti li fihom ma jsirx dissussar jew tqattigħ ta’ laħam ta’ annimali ruminanti;
- (iii) stabbilimenti oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt (i) jew (ii), irreġistrati jew approvati f’konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li ma jimmaniġġawx prodotti ta’ annimali ruminanti u li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jimmaniġġawx prodotti ta’ annimali ruminanti;
- (iv) stabbilimenti approvati msemmija fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji ta’ annimali mhux ruminanti li jkunu ġejjin mill-istabbilimenti msemmija fil-punti (i), (ii) u (iii).

B’deroga mill-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza t-tbiċċir ta’ annimali ruminanti u l-immaġġar ta’ prodotti ta’ annimali ruminanti fl-istabbilimenti, imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu, li jipproduċu prodotti sekondarji ta’ annimali mhux ruminanti maħsuba għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali msemmija f’din it-Taqsima.

Dik l-awtorizzazzjoni tista’ tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni fuq il-post, mill-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata bejn il-prodotti sekondarji minn annimali ruminanti u dawk minn annimali mhux ruminanti.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu r-reqwiżiti minimi li ġejjin:

- (1) it-tbiċċir tal-annimali mhux ruminanti jrid isir f’linji li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għat-tbiċċir tar-ruminanti;
- (2) il-prodotti minn annimali mhux ruminanti jridu jiġu mmaniġġati fuq linji tal-produzzjoni li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għat-trattament ta’ prodotti minn annimali ruminanti;
- (3) il-faċilitajiet tal-ġbir, tal-ħżin, tat-trasport u tal-imballaġġ għall-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn annimali mhux ruminanti jridu jinżammu separati minn dawk għall-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn annimali ruminanti;
- (4) iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari tal-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn annimali mhux ruminanti biex tiġi identifikata l-preżenza tal-proteini tar-ruminanti. Il-metodu ta’ analiżi li jintuża jrid jiġi vvalidat xjentifikament għal dak l-iskop. Il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta’ valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP.”;

- (b) it-Taqsima F hija sostitwita b'dan li ġej:

“TAQSIMA F

Kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' annimali tal-akkwakultura, ta' tjur tat-trobbija u ta' annimali porċini

Il-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' annimali tal-akkwakultura, ta' tjur tat-trobbija u ta' annimali porċini:

- (a) Il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija trid tiġi prodotta:

- (i) f'impjanti tal-ipproċessar approvati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u ddedikati esklussivament għall-produzzjoni ta' prodotti dderivati minn insetti mrobbija;
- (ii) f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II tal-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 142/2011.

B'deroga mill-kundizzjoni prevista fil-punt (i) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija f'impjanti tal-ipproċessar li jipproċessaw prodotti sekondarji minn speċijiet oħra.

Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni, dwar l-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, mal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali oħra mrobbija.

Dawk il-miżuri preventivi għandhom jinkludu r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

- il-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali ruminanti u minn annimali mhux ruminanti, minbarra l-insetti, trid issir f'sistema magħluqa li tkun fiżikament separata minn dik li tintuża għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija;
- iż-żamma ta' prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn annimali ruminanti jew minn annimali mhux ruminanti minbarra insetti matul il-ħżin u l-imballaġġ f'faċilitajiet li jkunu separati fiżikament minn dawk li jintużaw għall-prodotti sekondarji dderivati minn insetti mrobbija;
- iż-żamma ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali ruminanti jew minn annimali mhux ruminanti minbarra insetti matul il-ħżin u l-imballaġġ f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għall-prodotti finali dderivati minn insetti mrobbija;
- iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija biex jiġi vverifikat in-nuqqas ta' kontaminazzjoni kroċjata mal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali ruminanti jew minn annimali oħra mhux ruminanti permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009; il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandhom jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

- (b) L-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija għandu jiġi prodott fi stabbilimenti:

- (i) awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti;
- (ii) iddedikati għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali tal-akkwakultura, għat-tjur tat-trobbija jew għall-annimali porċini.

B'deroga mill-punt (i) tal-ewwel paragrafu, awtorizzazzjoni speċifika għall-produzzjoni ta' għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija ma għandhiex tkun meħtieġa għal daww li jħalltu l-għalf u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jipproduċu l-għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija,
- ma jżommux annimali mrobbija kif iddefinit fil-punt 6(a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, minbarra annimali tal-akkwakultura, tjur tat-trobbija, annimali porċini jew annimali bil-pil,
- l-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija u li jintuża fil-produzzjoni tagħhom ikun fih anqas minn 50 % proteina mhux raffinata.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel paragrafu, il-produzzjoni ta' għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, maħsub għall-annimali tal-akkwakultura, għat-tjur tat-trobbija jew għall-annimali porċini, fi stabbilimenti li jipproduċu wkoll l-għalf kompost maħsub għal annimali oħra mrobbija, minbarra l-annimali bil-pil, tista' tiġi awtorizzata mill-awtorità kompetenti, wara spezzjoni fuq il-post, soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-għalf kompost maħsub għall-annimali ruminanti jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkun fih fiżikament separati minn daww il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għall-annimali mhux ruminanti,
- l-għalf kompost maħsub għall-annimali tal-akkwakultura, għat-tjur tat-trobbija jew għall-annimali porċini jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkun fih fiżikament separati minn daww il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għal annimali oħra li mhumex ruminanti,
- ir-reġistri bid-dettalji dwar ix-xiri u l-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija u l-bejgħ ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin,
- kampjunar u analiżi regolari tal-għalf kompost maħsub għall-annimali mrobbija, għajr għall-annimali tal-akkwakultura, it-tjur tat-trobbija u l-annimali porċini, sabiex jiġi vverifikat li ma fihx kostitwenti mhux awtorizzati li joriġinaw mill-annimali, permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali, għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009; il-frekwenza ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

- (c) Id-dokument kummerċjali jew, skont il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, it-tikketta ta' dik il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, u t-tikketta tal-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar f'konformità mat-Taqsima G tal-Kapitolu V ta' dan l-Anness."

- (c) jiżdiedu t-taqsimiet li ġejjin:

"TAQSIMA G

Kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' tjur tat-trobbija

Il-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' tjur tat-trobbija ("proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini"):

- (a) Il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini għandhom jiġu minn wiehied jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (i) biċċerji approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jbiċċrux ruminanti u tjur tat-trobbija u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jbiċċrux ruminanti u tjur tat-trobbija;
- (ii) impjanti tat-tqattigħ approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u tat-tjur tat-trobbija, u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti li fihom ma jsirx dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u tat-tjur tat-trobbija;
- (iii) stabbilimenti oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt (i) jew (ii), irreġistrati jew approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li ma jimmaniġġawx prodotti minn ruminanti u minn tjur tat-trobbija u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jimmaniġġawx prodotti minn ruminanti u minn tjur tat-trobbija;
- (iv) stabbilimenti approvati msemija fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji ta' annimali mhux ruminanti li jkunu ġejjin mill-istabbilimenti msemija fil-punti (i), (ii) u (iii).

B'deroga mill-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-tbiċċir tar-ruminanti jew tat-tjur tat-trobbija u l-maniġġar ta' prodotti minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija fl-istabbilimenti msemija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu li jipproduċu prodotti sekondarji minn annimali porċini maħsuba għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini.

Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni fuq il-post, mill-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata bejn il-prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew minn tjur tat-trobbija u dawk minn annimali porċini.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu r-reqwiziti minimi li ġejjin:

- (1) it-tbiċċir tal-annimali porċini jrid isir flinji li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għat-tbiċċir tar-ruminanti jew tat-tjur tat-trobbija;
 - (2) il-prodotti ta' oriġini porċina jridu jiġu maniġġati fuq linji tal-produzzjoni li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għall-maniġġar ta' prodotti minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija;
 - (3) il-faċilitajiet tal-ġbir, tal-ħżin, tat-trasport u tal-imballaġġ għall-prodotti sekondarji tal-annimali ta' oriġini porċina jridu jinżammu separati minn dawk għall-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija;
 - (4) iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari tal-prodotti sekondarji tal-annimali ta' oriġini porċina biex tiġi identifikata l-preżenza ta' proteini tar-ruminanti u tat-tjur tat-trobbija. Il-metodu ta' analiżi li jintuża jrid jiġi vvalidat xjentifikament għal dak l-iskop. Il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP.
- (b) Il-prodotti sekondarji tal-annimali ta' oriġini porċina maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini għandhom jiġu ttrasportati f'impjant tal-ipproċessar f'vetturi u f'kontejners li ma jintużawx għat-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dawn jistgħu jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners li jkunu ntużaw qabel għat-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija, dment li dawk il-vetturi u l-kontejners ikunu tnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, traċċa dokumentata ta' dan l-użu għandha tinżamm disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

- (c) Il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini għandha tiġi prodotta f'impjanti tal-ipproċessar:
 - (i) iddedikati għall-ipproċessar ta' prodotti sekondarji li jinkisbu mill-biċċerji, mill-impjanti tat-tqattigħ u mill-istabbilimenti l-oħra msemija fil-punt (a);
 - (ii) irreġistrati mill-awtorità kompetenti li ma jipproċessawx prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew minn tjur tat-trobbija.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini f'impjanti tal-ipproċessar li jipproċessaw prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew minn tjur tat-trobbija.

Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni, dwar l-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata bejn il-proteina pproċessata tal-annimali li toriġina minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija u l-proteina pproċessata tal-annimali ta' oriġini porċina.

Dawk il-miżuri preventivi għandhom jinkludu r-reqwiziti minimi li ġejjin:

- (1) il-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija trid issir f'sistema magħluqa li tkun fiżikament separata minn dik li tintuża għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini;
 - (2) iż-żamma ta' prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija matul il-ħżin u t-trasport f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk għall-prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn annimali porċini;
 - (3) iż-żamma ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija matul il-ħżin u l-imballaġġ f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għall-prodotti finali dderivati minn annimali porċini;
 - (4) iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari, permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009, tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini biex jiġi vverifikat li ma hemmx kontaminazzjoni kroċjata mal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn tjur tat-trobbija; il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandhom jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.
- (d) L-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini għandu jiġi prodott fi stabbilimenti:
- (i) awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti;
 - (ii) iddedikati esklussivament għall-produzzjoni tal-għalf għat-tjur tat-trobbija, għall-annimali tal-akkwakultura jew għall-annimali bil-pil.

B'deroga mill-punt (i) tal-ewwel paragrafu, awtorizzazzjoni speċifika għall-produzzjoni ta' għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini ma għandhiex tkun meħtieġa għal dawk li jħalltu l-għalf u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jipproduċu l-għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini,
- ma jrabbux annimali mrobbija kif iddefinit fil-punt 6(a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, għajr tjur tat-trobbija, annimali tal-akkwakultura jew annimali bil-pil,
- l-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini u li jintuża fil-produzzjoni tagħhom ikun fih anqas minn 50 % proteina mhux raffinata.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel paragrafu, il-produzzjoni ta' għalf kompost għat-tjur tat-trobbija li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, fi stabbilimenti li jipproduċu wkoll għalf kompost maħsub għall-annimali mrobbija, għajr għall-annimali tal-akkwakultura u dawk bil-pil, tista' tiġi awtorizzata mill-awtorità kompetenti, wara spezzjoni fuq il-post, soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-għalf kompost maħsub għall-annimali ruminanti jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għall-annimali mhux ruminanti,
- l-għalf kompost maħsub għall-annimali porċini jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għal annimali oħra mhux ruminanti,

- ir-reġistri bid-dettalji dwar ix-xiri u l-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini u l-bejgħ ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin,
 - kampjunar u analiżi regolari tal-għalf kompost maħsub għall-annimali mrobbija, għajr għat-tjur tat-trobbija, l-annimali tal-akkwakultura u daww bil-pil, sabiex jiġi vverifikat in-nuqqas ta' kostitwenti mhux awtorizzati li joriġinaw mill-annimali permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009; il-frekwenza ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.
- (e) Id-dokument kummerċjali jew, skont il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, it-tikketta ta' dik il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, u t-tikketta tal-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar f'konformità mat-Taqsima G tal-Kapitolu V ta' dan l-Anness.

TAQSIMA H

Kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' annimali porċini

Il-kundizzjonijiet speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għall-produzzjoni u għall-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, u ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina, maħsuba biex jintużaw għat-tagħlif ta' annimali porċini ("proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija"):

- (a) Il-prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija għandhom jiġu minn wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:
- (i) biċċeriji approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jbiċċrux ruminanti u annimali porċini u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jbiċċrux annimali ruminanti u annimali porċini;
 - (ii) impjanti tat-tqattigħ approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u tal-majjal, u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li fihom ma jsirx dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u ta' majjal;
 - (iii) stabbilimenti oħra minbarra daww imsemmija fil-punt (i) jew (ii), irreġistrati jew approvati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, li ma jimmaniġġawx prodotti minn annimali ruminanti u minn annimali porċini u li jkunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jimmaniġġawx prodotti minn annimali ruminanti u minn annimali porċini;
 - (iv) stabbilimenti approvati msemmija fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 li huma rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji ta' annimali mhux ruminanti li jkunu ġejjin mill-istabbilimenti msemmija fil-punti (i), (ii) u (iii).

B'deroga mill-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-tbiċċir tar-ruminanti jew tal-annimali porċini u l-immaniġġar ta' prodotti minn annimali ruminanti jew minn annimali porċini fl-istabbilimenti msemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) tal-ewwel paragrafu li jipproduċu prodotti sekondarji tal-annimali minn tjur tat-trobbija maħsuba għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija.

Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni fuq il-post, mill-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata bejn il-prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew minn annimali porċini u daww minn tjur tat-trobbija.

Dawk il-miżuri għandhom jinkludu r-reqwiziti minimi li ġejjin:

- (1) it-tbiċċir tat-tjur tat-trobbija jrid isir f'linji li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għat-tbiċċir tar-ruminanti jew tal-annimali porċini;
 - (2) il-prodotti tat-tjur tat-trobbija jridu jiġu maniġġati fuq linji tal-produzzjoni li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għall-imaniġġar ta' prodotti tar-ruminanti jew tal-porċini;
 - (3) il-faċilitajiet tal-ġbir, tal-ħżin, tat-trasport u tal-imballaġġ għall-prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin minn tjur tat-trobbija jridu jinżammu separati minn dawk għall-prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin mir-ruminanti jew mill-porċini;
 - (4) iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari tal-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn tjur tat-trobbija biex tiġi identifikata l-preżenza ta' proteini tar-ruminanti u tal-porċini. Il-metodu ta' analiżi li jintuża jrid jiġi vvalidat xjentifikament għal dak l-iskop. Il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP.
- (b) Il-prodotti sekondarji tal-annimali li joriġinaw minn tjur tat-trobbija maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija għandhom jiġu ttrasportati f'impjant tal-ipproċessar f'vetturi u f'kontejners li ma jintużawx għat-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin mir-ruminanti jew mill-porċini.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, dawn jistgħu jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners li jkunu ntużaw qabel għat-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn ruminanti jew minn annimali porċini, dment li dawk il-vetturi u l-kontejners ikunu tnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti.

Kull meta tintuża din il-proċedura, traċċa dokumentata ta' dan l-użu għandha tinżamm disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

- (c) Il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija għandha tiġi prodotta f'impjanti tal-ipproċessar:
- (i) iddedikati għall-ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali li jinkisbu mill-biċċerji, mill-impjanti tat-tqattigħ u mill-istabbilimenti l-oħra msemmija fil-punt (a);
 - (ii) irreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li ma jipproċessawx prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew porċini.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel paragrafu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija f'impjanti tal-ipproċessar li jipproċessaw prodotti sekondarji minn annimali ruminanti jew porċini.

Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta, wara spezzjoni, dwar l-effikaċja tal-miżuri mmirati biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata bejn il-proteina pproċessata ta' annimali ruminanti jew annimali porċini u l-proteina pproċessata tal-annimali li toriġina minn tjur tat-trobbija.

Dawk il-miżuri preventivi għandhom jinkludu r-reqwiziti minimi li ġejjin:

- (1) il-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn annimali porċini trid issir f'sistema magħluqa li tkun fiżikament separata minn dik li tintuża għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija;
- (2) iż-żamma ta' prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn ruminanti jew minn annimali porċini matul il-ħżin u t-trasport f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk għall-prodotti sekondarji tal-annimali dderivati minn tjur tat-trobbija;
- (3) iż-żamma ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn annimali porċini matul il-ħżin u l-imballaġġ f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk li jintużaw għall-prodotti finali dderivati minn tjur tat-trobbija;
- (4) iridu jsiru kampjunar u analiżi regolari tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija biex jiġi vverifikat li ma hemmx kontaminazzjoni kroċjata mal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ruminanti jew minn annimali porċini permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni

ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009; il-frekwenza tal-kampjunar u tal-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandhom jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

(d) L-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija għandu jiġi prodott fi stabbilimenti:

- (i) awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti;
- (ii) iddedikati esklussivament għall-produzzjoni tal-għalf għall-annimali porċini, tal-akkwakultura jew bil-pil.

B'deroga mill-punt (i) tal-ewwel paragrafu, awtorizzazzjoni speċifika għall-produzzjoni ta' għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija ma għandhiex tkun meħtieġa għal dawk li jħalltu l-għalf u jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- ikunu rreġistrati mill-awtorità kompetenti bħala li jipproduċu għalf komplet minn għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija,
- ma jżommux annimali mrobbija kif iddefinit fil-punt 6(a) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, għajr annimali porċini, annimali tal-akkwakultura jew annimali bil-pil,
- l-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija u li jintuża fil-produzzjoni tagħhom ikun fih anqas minn 50 % proteina mhux raffinata.

B'deroga mill-punt (ii) tal-ewwel paragrafu, il-produzzjoni ta' għalf kompost għall-annimali porċini, li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, fi stabbilimenti li jipproduċu wkoll għalf kompost maħsub għall-annimali mrobbija, għajr għall-annimali tal-akkwakultura u dawk bil-pil, tista' tiġi awtorizzata mill-awtorità kompetenti, wara spezzjoni fuq il-post, soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

- l-għalf kompost maħsub għall-annimali ruminanti jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għall-annimali mhux ruminanti,
- l-għalf kompost maħsub għat-tjur tat-trobbija jrid jiġi mmanifatturat u jinżamm, waqt il-ħżin, it-trasport u l-imballaġġ, f'faċilitajiet li jkunu fiżikament separati minn dawk il-faċilitajiet fejn jiġi mmanifatturat u jinżamm l-għalf kompost għal annimali oħra mhux ruminanti,
- ir-reġistri bid-dettalji dwar ix-xiri u l-użu ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija u l-bejgħ ta' għalf kompost li jkun fih din il-proteina jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin,
- kampjunar u analiżi regolari tal-għalf kompost maħsub għall-annimali mrobbija, għajr għat-tjur tat-trobbija, l-annimali tal-akkwakultura u dawk bil-pil, sabiex jiġi vverifikat in-nuqqas ta' kostitwenti mhux awtorizzati li joriġinaw mill-annimali permezz tal-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni ta' kostitwenti li joriġinaw mill-annimali għall-kontroll tal-għalf stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 152/2009; il-frekwenza ta' dan il-kampjunar u ta' din l-analiżi għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-operatur bħala parti mill-proċeduri tiegħu bbażati fuq il-prinċipji tal-HACCP; ir-riżultati jridu jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin;

(e) Id-dokument kummerċjali jew, skont il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, it-tikketta ta' dik il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, u t-tikketta tal-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar f'konformità mat-Taqsima G tal-Kapitolu V ta' dan l-Anness.”;

(5) Il-Kapitolu V huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima A hija sostitwita b'dan li ġej:

"TAQSIMA A

Listi

1. L-Istati Membri għandhom iżommu aġġornati u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-listi dwar:

- (a) il-biċċeriji rreġistrati bħala biċċeriji li ma jbiċċrux ruminanti skont l-ewwel paragrafu tal-punt (a) tat-Taqsima C tal-Kapitolu IV, kif ukoll il-biċċeriji awtorizzati minn fejn jista' jinkiseb id-demmm prodott skont it-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (a) tat-Taqsima C tal-Kapitolu IV;
- (b) il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti oħrajn tal-ikel u stabbilimenti tal-prodotti sekondarji tal-annimali rreġistrati bħala, rispettivament, li ma jbiċċrux ruminanti, ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti, u li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji tal-annimali, li jiġu minn dawn l-istabbilimenti tal-ikel minn fejn jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (a) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV, kif ukoll il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u l-istabbilimenti oħrajn awtorizzati, minn fejn jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (a) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV;
- (c) il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ, stabbilimenti oħra tal-ikel u l-istabbilimenti tal-prodotti sekondarji tal-annimali rreġistrati bħala, rispettivament, li ma jbiċċrux ruminanti u tjur tat-trobbija, li ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u tat-tjur tat-trobbija, li ma jimmaniġġawx prodotti minn ruminanti u minn tjur tat-trobbija, u li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin minn dawn l-istabbilimenti tal-ikel, li minnhom jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (a) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV, kif ukoll il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti oħra tal-ikel awtorizzati, li minnhom jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (a) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV;
- (d) il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ, u stabbilimenti oħra tal-ikel u tal-prodotti sekondarji tal-annimali rreġistrati bħala, rispettivament, li ma jbiċċrux ruminanti u annimali porċini, li ma jagħmlux dissussar jew tqattigħ ta' laħam ta' annimali ruminanti u tal-majjal, li ma jimmaniġġawx prodotti tar-ruminanti u tal-porċini, u li jimmaniġġaw jew jaħżnu biss prodotti sekondarji tal-annimali li jkunu ġejjin minn dawn l-istabbilimenti tal-ikel, li minnhom jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (a) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV, kif ukoll il-biċċeriji, l-impjanti tat-tqattigħ u stabbilimenti oħra tal-ikel awtorizzati, li minnhom jistgħu jinkisbu prodotti sekondarji tal-annimali maħsuba biex jintużaw għall-produzzjoni ta' proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (a) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV;
- (e) l-impjanti tal-ipproċessar irreġistrati bħala li jipproċessaw esklussivament demm ta' annimali mhux ruminanti f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (c) tat-Taqsima C tal-Kapitolu IV, kif ukoll l-impjanti tal-ipproċessar awtorizzati li jipproduċu prodotti tad-demmm f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (c) tat-Taqsima C tal-Kapitolu IV;
- (f) l-impjanti tal-ipproċessar irreġistrati bħala impjanti li ma jipproċessawx prodotti sekondarji minn annimali mhux ruminanti f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (c) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV, kif ukoll l-impjanti tal-ipproċessar awtorizzati li jipproduċu l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti li joperaw f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (c) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV;

- (g) l-impjanti tal-ipproċessar irreġistrati bħala impjanti li ma jipproċessawx prodotti sekondarji minn ruminanti u minn tjur tat-trobbija f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (c) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV, kif ukoll l-impjanti tal-ipproċessar awtorizzati li jipproduċu l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini li joperaw f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (c) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV;
- (h) l-impjanti tal-ipproċessar irreġistrati bħala impjanti li ma jipproċessawx il-prodotti sekondarji mir-ruminanti u mill-annimali porċini f'konformità mal-ewwel paragrafu tal-punt (c) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV, kif ukoll l-impjanti tal-ipproċessar awtorizzati li jipproduċu l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija li joperaw f'konformità mat-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tal-punt (c) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV;
- (i) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li jipproduċu, f'konformità mat-Taqsima B tal-Kapitolu III, għalf kompost li jkun fih il-ħut mitħun kif ukoll il-fosfat tad-dikalċju u tat-trikalċju li joriġina mill-annimali, prodotti tad-demmi idderivati minn annimali mhux ruminanti, proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, jew proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija;
- (j) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li jipproduċu l-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti, skont il-punt (d) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV; kif ukoll l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li jipproduċu esklussivament, skont il-punt 3(b)(ii) tat-Taqsima E tal-Kapitolu V, l-għalf kompost għall-esportazzjoni mill-Unjoni jew l-għalf kompost għall-esportazzjoni mill-Unjoni u l-għalf kompost għall-annimali tal-akkwakultura biex jitqiegħdu fis-suq;
- (k) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li f'konformità mal-punt (d) tat-Taqsima E tal-Kapitolu IV, jipproduċu sostituti tal-ħalib li jkun fihom il-ħut mitħun, maħsuba għall-annimali mrobbija mhux miftuma tal-ispeċijiet tar-ruminanti;
- (l) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li f'konformità mal-punt (b) tat-Taqsima F tal-Kapitolu IV, jipproduċu għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija;
- (m) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li f'konformità mal-punt (b) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV, jipproduċu għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, maħsub għat-tjur tat-trobbija;
- (n) l-istabbilimenti awtorizzati tal-għalf kompost li f'konformità mal-punt (b) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV, jipproduċu għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, maħsub għall-annimali porċini;
- (o) l-impjanti tal-ħżin awtorizzati f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima A tal-Kapitolu III, jew f'konformità mat-tielet paragrafu tal-punt 3(d) tat-Taqsima E tal-Kapitolu V.
2. L-Istati Membri għandhom iżommu aġġornati l-listi ta' dawk li jħalltu l-għalf u li jkunu rreġistrati f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima B tal-Kapitolu III, u f'konformità mal-punt (d)(ii) tat-Taqsima D, mal-punt (b)(ii) tat-Taqsima F, mal-punt (d)(ii) tat-Taqsima G, u mal-punt (d)(ii) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV.”;
- (b) it-Taqsima C hija emendata kif ġej:
- (i) il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
- “2. L-għalf kompost maħsub għall-annimali bil-pil jew għall-annimali domestiċi, li fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti, ma għandux jiġi prodott fi stabbilimenti li jipproduċu l-għalf għall-annimali mrobbija, għajr għall-annimali bil-pil jew l-annimali tal-akkwakultura.”;
- (ii) jiżdied il-punt li ġej:
- “3. B'deroga mill-punt 2:
- (i) l-għalf kompost maħsub għall-annimali bil-pil jew għall-annimali domestiċi, li fih il-ħut mitħun, jista' jiġi prodott fi stabbilimenti li jipproduċu l-għalf għall-annimali mrobbija mhux ruminanti u s-sostituti tal-ħalib għat-tagħlif ta' ruminanti mhux miftuma;
- (ii) l-għalf kompost maħsub għall-annimali bil-pil jew għall-annimali domestiċi, li fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, jista' jiġi prodott fi stabbilimenti li jipproduċu l-għalf għat-tjur tat-trobbija jew għall-annimali porċini, dment li l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija tikkonforma mal-punt (a) tat-Taqsima F tal-Kapitolu IV;

(iii) l-għalf kompost maħsub għall-annimali bil-pil jew għall-annimali domestiċi, li fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini, jista' jiġi prodott fi stabbilimenti li jipproduċu l-għalf għat-tjur tat-trobbija, dment li l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali porċini tikkonforma mal-punti (a), (b) u (c) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV;

(iv) l-għalf kompost maħsub għall-annimali bil-pil jew għall-annimali domestiċi, li fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija, jista' jiġi prodott fi stabbilimenti li jipproduċu l-għalf għall-annimali porċini, dment li l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn tjur tat-trobbija tikkonforma mal-punti (a), (b) u (c) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV.”;

(c) fit-Taqsima E, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-esportazzjoni tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti, jew tal-għalf kompost li jkun fih din il-proteina, għandha tkun soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti għandha tiġi prodotta f'impjanti tal-ipproċessar li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (c) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV, jew tal-punt (a)(i) tat-Taqsima F tal-Kapitolu IV, jew tal-punt (c) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV, jew tal-punt (c) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV.

(b) L-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti għandu jiġi prodott fi stabbilimenti tal-għalf kompost li:

(i) f'konformità mal-punt (d) tat-Taqsima D tal-Kapitolu IV, jew mal-punt (b) tat-Taqsima F tal-Kapitolu IV, jew mal-punt (d) tat-Taqsima G tal-Kapitolu IV, jew mal-punt (d) tat-Taqsima H tal-Kapitolu IV jipproduċu; jew

(ii) jiksibu l-proteina pproċessata tal-annimali li tintuża fl-għalf kompost maħsub għall-esportazzjoni minn impjanti tal-ipproċessar li jikkonformaw mal-punt (a) u, jew:

— ikunu ddedikati esklussivament għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-esportazzjoni mill-Unjoni u jkunu awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti, inkella

— jkunu ddedikati esklussivament għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-esportazzjoni mill-Unjoni u għall-produzzjoni ta' għalf kompost għall-annimali tal-akkwakultura, għat-tjur tat-trobbija u għall-annimali porċini li jkun se jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni, u jkunu awtorizzati għal dak l-iskop mill-awtorità kompetenti.

(c) L-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti għandu jiġi imballat u ttikkettat f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni jew mar-rekwiżiti legali tal-pajjiż importatur. Meta l-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn annimali mhux ruminanti ma jkunx ittikkettat f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-kliem li ġej għandu jiġi indikat fuq it-tikketta: “fih il-proteina pproċessata ta' annimali mhux ruminanti”.

(d) Il-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali mhux ruminanti u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina, li huma maħsuba għall-esportazzjoni mill-Unjoni, għandhom jiġu ttrasportati f'vetturi u f'kontejners u jinħażnu f'faċilitajiet ta' ħażna li ma jintużawx, rispettivament, għat-trasport u għall-ħżin ta' għalf għat-tqegħid fis-suq u maħsub għat-tagħlif ta' ruminanti jew ta' annimali mrobbija mhux ruminanti minbarra l-annimali tal-akkwakultura. Ir-reġistri bid-dettalji dwar it-tip ta' prodotti li ġew ittrasportati jew maħżuna għandhom jinżammu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, il-vetturi, il-kontejners u l-faċilitajiet ta' ħażna li qabel ikunu ntużaw għat-trasport jew għall-ħżin ta' proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali mhux ruminanti u ta' għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina, u maħsuba għall-esportazzjoni mill-Unjoni, jistgħu sussegwentament jintużaw għat-trasport jew għall-ħżin ta' għalf għat-tqegħid fis-suq u maħsub għat-tagħlif ta' ruminanti jew ta' annimali mrobbija mhux ruminanti, minbarra l-annimali tal-akkwakultura, dment li dawn jitnaddfu minn qabel sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni kroċjata, f'konformità ma' proċedura dokumentata li tkun awtorizzata minn qabel mill-awtorità kompetenti. Kull meta tintuża din il-proċedura, għandu jinżamm regjistru dokumentat ta' dan l-użu disponibbli għall-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas sentejn.

L-impjanti ta' ħażna li jaħżnu l-proteina pproċessata tal-annimali bl-ingrossa dderivata minn annimali mhux ruminanti, u l-għalf kompost bl-ingrossa li jkun fih din il-proteina, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-punt (d), għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità kompetenti abbażi ta' verifika tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti elenkati f'dak il-paragrafu.”;

(d) tiżdied it-Taqsima li ġejja:

“TAQSIMA G

Dokument ta' akkumpanjament u tikkettar tal-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, minn annimali porċini jew minn tjur tat-trobbija, u tal-għalf kompost li jkun fih din il-proteina pproċessata tal-annimali

1. Id-dokument kummerċjali jew, skont il-każ, iċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkumpanja l-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, minn annimali porċini jew minn tjur tat-trobbija f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, u t-tikketta ta' dik il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, minn annimali porċini jew minn tjur tat-trobbija, għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar bil-kliem li ġej: “Proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ... [jekk jogħġbok daħħal l-annimali mrobbija rilevanti li minnhom tkun idderivata l-proteina pproċessata tal-annimali elenkati fl-ewwel kolonna tat-Tabella 1] — ma għandhiex tintuża fl-għalf għall-annimali mrobbija għajr ... [jekk jogħġbok daħħal l-annimali mrobbija korrispondenti li jistgħu jingħalfu bil-proteina pproċessata tal-annimali elenkati fit-tieni kolonna tat-Tabella 1]”;
2. Il-kliem li ġej għandu jiġi indikat b'mod ċar fuq it-tikketta tal-għalf kompost li jkun fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn insetti mrobbija, minn annimali porċini jew minn tjur tat-trobbija: “fih il-proteina pproċessata tal-annimali dderivata minn ... [jekk jogħġbok daħħal l-annimali mrobbija rilevanti li minnhom hija dderivata l-proteina pproċessata tal-annimali elenkati fl-ewwel kolonna tat-Tabella 1] — ma għandux jingħalef lill-annimali mrobbija għajr ... [jekk jogħġbok daħħal l-annimali mrobbija korrispondenti li jistgħu jingħalfu bil-proteina pproċessata tal-annimali elenkati fit-tieni kolonna tat-Tabella 1]”;

Tabella 1

Annimali mrobbija li minnhom hija dderivata l-proteina pproċessata tal-annimali	Annimali mrobbija li jistgħu jingħalfu bil-proteina pproċessata tal-annimali
Insetti mrobbija	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil, annimali porċini, tjur tat-trobbija
Annimali porċini	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil, tjur tat-trobbija
Tjur tat-trobbija	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil, annimali porċini
Insetti mrobbija u annimali porċini	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil, tjur tat-trobbija
Insetti mrobbija u tjur tat-trobbija	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil, annimali porċini
Annimali porċini u tjur tat-trobbija	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil
Insetti mrobbija, annimali porċini u tjur tat-trobbija	Annimali tal-akkwakultura, annimali bil-pil”.